MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Mandat Numru. 1727/2012/1

**Computime Limited C 4760**

**vs**

**Malta Information Techonology Agency (MITA)**
**u b'digriet tal-Qorti l-intervenut ICT Ltd**

**Il-Qorti ,**

Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni mahluf u prezentat fit-15 ta' Novembru 2012 li bih rikorrenti ppremettew:

*Illi ir-rikorrent ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tieghu;*

*Illi r-rikorrent, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli:*

*Jaghtu, jikkunkludu jew jiffirmaw il-kuntratt, jew jibdew ezekuzzjoni tal-kuntratt wara s-sejha ghall-offerti bin-numru T106/11 ghall-xiri ta' apparat u servizzi konsistenti f'WAN Active Equipment and Related Ancillary Services for Schools;*

*1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija socjeta' li topera fl-industrija tal-information technology;*

*2. Illi fl-24 ta' Novembru 2011 il-Malta Information Techonolgy Agency ("MITA") harget sejha ghall-offerti "is-Sejha" bin-numru T106/11 u dana sabiex tixtri "Wan Active Equipment and Related Ancillary Services for Schools" (Dok AM1);*

*3. Illi s-socjeta' rikorrenti tefghet offerta ghas-Sejha. Socjetajiet ohrajn – fosthom kumpannija bl-isem ICT Ltd – ukoll tefghu offerti ghas-sejha;*

*4. Illi, fl-4 ta' Mejju 2012, il-kumitat ta' evalwazzjoni ta' l-offerti fi hdan il-MITA ha decizjoni fis-sens li kellha tigi skartata l-offerta maghmula mis-socjeta' ICT Ltd stante illi l-offerta ta' ICT Ltd ma kinitx tissodisfa l-kriterji teknici stabbiliti fis-Sejha. Ghalhekk, skartata l-offerta ta' ICT Ltd, giet accettata l-offerta maghmula mis-socjeta' rikorrenti bhala l-orhos offerta li kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti mis-Sejha. Fil-fatt, is-socjeta' rikorrenti giet infurmata li l-offerta taghha kienet l-orhos offerta li kienet tissodisfa l-kriterji tas-sejha, u li ghalhekk kienet ser tigi accettata mill-MITA (Dok AM 2);*

*5. Illi sussegwentement, is-socjeta' ICT Ltd ipprezentat oggezzjoni ("L-Ewwel Oggezzjoni") kontra d-decizjoni tal-MITA fuq msemmija, quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-kuntratti Pubblici ("il-Bord") mwaqqaf taht l-Avviz Legali 296 tal-2010;*

*6. Illi l-Bord sab favur ICT Ltd, u ddecieda illi "the Board finds in favour of the appellant company, recommends that the company be reinstated in the tendering process, and that the deposit be returned" (DOK AM 3);*

*7. Illi s-socjeta' rikorrenti pprezentat appell ai termini tar-Regolament 85(5) tal-Avviz Legali 296 tal-2010, quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kontra din id-decizjoni tal-Bord (DOK AM4) u dan l-appell huwa appuntat ghall-smiegh ghall-25 ta' April 2013. Il-MITA pprezentat ukoll risposta ghar-rikors ta' appell tas-socjeta' rikorrenti (DOK AM5);*

*Illi r-rikorrenti ser jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif jinghad;*

*Ghaldaqstant, r-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.*

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru 2012 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvisorjament, ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontroparti b'sebghat (7) ijiem ghar-risposta waqt li appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-28 ta'Novembru 2012 fil-11.15 a.m;

Rat li l-intimat kien notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smigh fis-15 ta' Novembru 2012;

Rat ir-risposta ta' Malta Information Technology Agency (MITA) tat-22 ta' Novembru 2012, li biha talbet lil din il-Qorti tichad it-talba ghall-hrug tal-imsemmi mandat ghas-segwenti ragunijiet:

*Fatti*

*1. Illi s-socjeta' Computime Limited kienet ippartecipat fil-process ta' tender mahrug mill-Malta Information Technology Agency (MITA) ghal xiri ta' Wide Area Network (WAN) u servizzi relatati li gie ppublikat fl-24 ta' Novembru 2011;*

*2. Illi fl-4 ta' Mejju il-Bord ta' Evalwazzjoni rrakkomanda illi l-kuntratt jigi moghti lil Computime Limited ghal valur ta' €295,117.00 minhabba li l-offerta li tefghet ICT Limited li kienet l-irhas offerta ta' valur ta' €266,366.61 giet skwalifikata mill-Bord ta' Evalwazzjoni. Skond l-istess Bord ICT Limited bidlet l-ispecifikazzjonijiet teknici ta' l-offerta originali taghha matul il-process ta' evalwazzjoni billi nkludiet apparat iehor tekniku li kien deskritt bhala 'optional' fl-offerta taghha bhala parti mill-appparat li originaljament kienet inkludiet biex tissodisfa l-kriterji mandatorji tas-sejha ghall-offerti;*

*3. Illi fit-13 ta' Mejju 2012 is-socjeta' ICT Limited pprezentat l-oggezzjoni taghha fuq d-decizjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni ai termini tal-Artikolu 84 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (Legislazzjoni Sussidjarja 174.04) ("Regolamenti" quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-kuntratti Pubblici ("Bord ta' Revizjoni");*

*4. Illi fil-31 ta' Lulju 2012 il-Bord ta' Revizjoni dddecieda li s-socjeta' ICT Limited terga' tigi mdahhla fil-process ta' evalwazzjoni tas-sejha ghall-offerti bir-ragunii principali tkun dik illi ICT Limited indikat u kkonfermat illi l-offerta taghha kienet tissodisfa l-kriterji mandatorji kollha rikjesti mill-MITA fis-sejha ghall-offerti, minghajr spejjez addizzjonali;*

*5. Illi fit-22 t' Awwissu 2012 Computime Limited pprezentat appell fil-Qorti ta' L-Appell (Sede Inferjuri) fejn qed tikkontesta d-decizjoni tal-bord ta' Revizjoni tal-31 ta' Lulju 2012;*

*6. Illi bhala rizultat tad-decizjoni tal-bord ta' Revizjoni, il-Bord ta' Evalwazzjoni irreveda l-process ta' evalwazzjoni fid-dawl tad-decizjoni tal-Bord ta' Revizjoni bl-ezitu u fit-18 ta' Settembru 2012 gie rrakomandat illi l-kuntratt jigi moghti lil ICT Limited ghal valur ta' €266,366.61;*

*7. Illi in segwitu ghal din ir-rakkomandazzjoni, fit-28 ta' Settembru 2012 Computime Limited resqet oggezzjoni quddiem Bord ta' Revizjoni fejn talbet l-istess Bord*

*jiddikjara illi l-offerta ta' ICT Limited ma kienetx tissodisfa l-kriterji mandatorji tas-sejha ghall-offerti. Is-seduta giet appuntata u nstemghet fis-6 ta' Novembru 2012;*

*8. Illi d-decizjoni tal-Bord ta' Revizjoni wara din is-seduta ghadha sal-gurnata ta' llum pendenti;*

*Konsiderazzjonijiet*

*1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzjnu ghal-eccezzjonijiet l-ohra ir-rikors odjern huwa intempestiv stante illi d-decizjoni tal-Bord ta' Revizjoni rigward l-oggezzzjoni li ressaq ir-rikorrenti ghad-decizjoni tal-MITA sabiex il-kuntratt jinghata lil ICT Limited ghadha ma gietx ippublikata. Ghalkemm ir-rikorrent qieghed isostni li minkejja talba tieghu sabiex il-membri tal-Bord ta' Revizjoni jastjenu, din giet verbalment rifjuta mill-istess Bord u diga' gie nfurmat b'mod informali li l-oggezzjoni tieghu kienet se tigi rifjutata, id-decizjoni finali minn naha tal-Bord ghad trid tigi notifikata. Skond Regolament 85(4) tar-Regolamenti , "Decizjoni tal-Bord ghandha tkun bil-miktub, jigu indikati fiha l-motivazzjonijiet li dik id-decizjoni tkun imsejsa fuqhom, u tigi notifikata lill-partijiet li jkollhom interess". Ghaldaqstant sakemm ma tigix ippublikata din id-decizjoni, l-osservazzjoni mressqa mir-rikorrenti hija sempliciment suppozizzjoni,*

*Illi l-ezekuzzjoni tal-kuntratt mill-MITA u ICT Ltd hija prezentement sospiza hekk kif mitlub mir-Reolarment 84(1) tal-istess Regolamenti u is-socjeta' intimata ma tista tiffirma u tikkonkludi l-ebda kuntratt ghal-WAN Active Equipment and Related Ancilliary Services for Schools qabel ma tigi ppublikata d-decizjoni tal-Bord ta' Revizjoni. Fil-fatt l-agenzija intimata lesta tikkonferma li ma hjiex behsiebha li tikkonkludi l-ebda kuntratt qabel ma tinghata d-decizjoni tal-Bord ta' Revizjoni, pero' una volta din tinghata jekk id-decizjoni tal-Agenzija tigi kkonfermat, u minhabba l-importanza nazzjonali tal-kuntratt in kwestjoni, l-agenzija behsiebha tipprociedi bl-ghoti tal-kuntratt anke jekk jigi intavolat appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Dan qed jinghad peress illi l-ligi stess fl-artikolu 85(5) tal-Avviz*

*Legali 296 tal-2010 taghti lill-Awtorita' is-setgha taghmel dan;*

*2. Illi ghalkemm il-Bord ta' Revizjoni laqa' s-sottomisjonijiet ta' l-ICT Limited b'konsegwenza illi gie rrakkomandat illi l-kuntratt jigi moghti lil ICT Limited flok is-socjeta' rikorrenti, fl-ebda stadju u bl-ebda mod ma jirrizulta li ma giex imhares d-dritt ta' ugwaljanza fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti mis-socjeta' intimata;*

*3. Illi l-gurisprudenza lokali fuq il-mandati ta' inibizzjoni tghid "Iz-zewg elementi sabiex jigi kkonfermat il-mandat huma li r-rikorrenti juri li jidher li hu ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) jedd x'jikkawtela u li l-mandat hu mehtieg biex jithares dan il-jedd. Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi, jigifieri li jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi huwa nieqes, il-Qorti tichad it-talba ghall hrug tal-mandat"*[1]

*4. Illi r-rikorrent qatt ma gie michud lilu d-dritt li jissalvagwardja d-dritt tieghu msemmi fir-rikors tal-hrug tal-mandat jigifieri dak ghat-trattament ugwali ta' offerenti li qeghdin jippartecipaw f'sejha ghall-offerti (punt 11 tar-rikors), minhabba illi fiz-zewg istanza fejn il-MITA hadet decizjoni fuq is-sejha ghall-offerti in ezami, ir-rikorrent inghata d-dritt sabiex l-argumenti u l–anzjani tieghu jinstemghu quddiem il-Bord ta' Revizjoni li huwa specifikament appuntat sabiex jisma' u jiddeciedi oggezzjonijiet ghad-decizjonijiet ta' awtoritajiet kontraenti dwar kuntratti pubblici;*

*5. Illi minbarra d-dritt li jaghmel oggezzjoni quddiem dan il-Bord, ir-rikorrent ghandu d-dritt ukoll li jekk jhoss ruhu aggravat bid-decizjoni li tittiehed mill-Bord jista' jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri) fi zmien ghoxrin gurnata kurrenti mid-decizjoni finali tal-Bord ta' Revizjoni. Kif inghad iktar –il fuq ir-rikorrent diga' pprezenta appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell li gie appuntat ghas-smiegh fil-25 t'April 2013;*

---

*6. Illi dan ifisser li l-mertu tal-mandat diga' gie trattatt darbtejn mill-Bord ta' Revizjoni, b'decizjoni li nghatat mill-Bord ta' Revizjoni wara l-apprezzament tal-fatti fil-31 ta' Lulju 2012 u se jerga jigi finalment deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri). Barra minn hekk, filkaz illi l-Qorti ta'l-Appell tiddeciedi li d-decizjoni tal-Bord ta' Revizjoni ma kinitx korretta, ir-rikorrenti ghandu l-possibilita' li jitlob rizarciment ghad-danni li hu soffra bhala rizultat ta' din id-decizjoni;*

*7. Illi ghaldaqstant is-socjeta' intimata tishaq li meta wiehed jikkonsidra n-numru ta' rimedji li r-rikorrent ezercita diga' u li jista' jezercita sabiex jissalvagwardja kull dritt li huwa jista' jkollu, dan il-mandat mhuwiex mehtieg sabiex ir-rikorrenti jhares il-jedd li r-rikorrenti qieghed isemmi fir-rikors tieghu;*

*8. Illi f'dan ir-rigward siewi ukoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh il-gurisprudenza lokali fuq il-mandati ta' inibizzjoni li b'mod konsistenti tistipula ukoll li "l-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-harsien li l-igi timmira ghalieh fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli"*[2]

*9. Stante illi dan il-mandat qieghed isir kontra entita' tal-Gvern, wiehed irid jikkonsidra ukoll l-elementi ulterjuri tal-mandati ta'inibizzjoni li gew introdotti fl-2006. F'dan il-kaz il-ligi titlob ukoll li jintwera*

*(a) li l—haga li parti titlob li tinzamm milli titweqqaq fil-fatt hemm hsieb li titwettaq u ;*

*(b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghamil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma. Dan iffisser li , bejn il-vantaggi li johrog kieku l-haga titwettaq u l-hsara li ggib maghha, jehtieg li jsir tqabbil;*

*10. Illi rigward l-ewwel element, ta’min ighid illi l-MITA diga’ kkonfermat il-hsieb taghha li tkompli bl-esekuzzjoni tal-kuntratt rizultanti mis-sejha ghall-offerti in ezami. Filfatt, ir-Regolament 85(5) tar-Regolamenti specifikament jghati d-dritt lid-Dipartiment tal-Kuntratti jew l-entitajiet pubblici li f’kaz ta’ appell lill-Qorti ta’ l-Appell minn decizjoni tal-Bord tar-Rivizjoni: “Dak ir-riferiment m’ghandux madankollu jzomm lid-Direttur tal-Kuntaatti jew lill-Kap ta’ Awtorita’ kontraenti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord ta’ Revizjoni”. Fil-fatt il-MITA ddecidiet li tipprocedi bil-kuntratt minkejja l-appell u dinm id-decizjoni wasslet ghat-tieni oggezzjoni tar-rikorrenti quddiem il-Bord ta’ Revizjoni;*

*11. Illi d-decizjoni li tipprocedi bil-kuntratti ittiehdet mill-MITA a bazi tal-fatt illi l-apparat, li se jinxtara permezz ta’ din is-sejha ghall-offerti, huwa necessarju, sabiex tigi mplementata sistema ta’ “eLearning” minflok is-sistema kurrenti li hi qadima u li ma taqdix il-bzonnjiet li dejjem jizdiedu ta’l-ghalliema u studenti fl-iskejjel biex ikunu jistghu jaccessaw kontenut fis-sistemi centrali tal-Gvern (It-tielet parti tas-sejha ghall-offeti annessa bhala Dokument A);*

*12. Illi s-socjeta’ intimata thoss illi meta wiehed jikkonsidra*

*(a) n-numru ta’ rimedji li diga’ ezercita r-rikorrent kif ukoll dawk li ghad jista jezercita u;*

*(b) id-dewmien li diga’ kien hemm fl-implementazzjoni ta’ dan il-progett li qieghed iwassal f’dewmien fit-tgawdija tal-beneficcji li l-implementazzjoni ta’ dan l-apparat se jwasssal ghalih fl-iskejjel taghna, is-socjeta’ intimata thoss li l-vantaggi li se johorgu kieku l-haga titwettaq huma bil-wisq ikbar mill-hsara li r-rikorrenti qieghed jallega li ser issir.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant s-socjeta’ intimata tiddikjara ghalhekk , ghar-ragunijiet premess,, din l-Onorabbli Qorti ghandha*

*tichad bl-ispejjez it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghal-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.*

Rat ir-rikors tas-socjeta' ICT Limited tat-23 ta' Novembru 2012 illi fih talbet lil din il-Qorti tawtorizza lill-imsemmija socjeta' tintervieni f'dawn il-proceduri u tichad it-talba ghall-hrug tal-imsemmi mandat ghas-segwenti ragunijiet:

*1. Illi permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1727/12 fl-ismijiet Computime Limited (C 4670) v Malta Information Technology Agency (MITA), milqugh provvisorjament minn din l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Novembru 2012 il-kumpanijja attrici Computime Limited talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata sabiex l-istess intimata tigi inibita milli taghti, tikkonkludi jew tiffirma l-kuntratt jew jinbdew esekuzzjoni tal-kuntratt wara s-sejha ghall-offerti bin-numru T106/11 ghall-xiri ta' apparat u servizzi konsistenti f'WAN Active Equipment and Related Ancially Services for Schools;*

*2. Illi l-kumpanijja esponenti kienet ippartecipat fl-istess tender u permezz tad-decizjoni datat 18 ta' Settembru 2012, l-intimata , il-MITA accettat l-offerta taghha;*

*3. Illi ghaldaqstant huwa evidenti illi l-kumpanijja esponenti ghandha interess dirett u sostanzjali li tippartecipa fil-proceduri odjerni stante illi hija ser issofri pregudizzju serju bit-twaqqif tal-iffirmar tal-kuntratt tal-oghti tat-tender;*

*4. Illi hekk kif ga gie espost mill-kumpanijja attrici, inizjalment l-offerta tal-kumpanijja esponenti kienet giet skartata peress illi skond l-intimata l-offerta ma kinitx tissodisfa l-kriterji teknici stabbiliti fit-tender. Wara oggezzjoni mressqa mill-kumpanijja esponenti quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici, l-istess Bord kien ordna illi l-kumpanijja esponenti terga tigi rreintegrata fil-process tat-tendering peress illi l-offerta mressqa minnha kienet fil-fatt tissodisfa l-kriterji kollha rikjesti;*

*5. Illi skond ir-rimedu moghti mir-regolament 85(5) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (Legislazzjoni*

*Sussidjarja 174.04), il-kumpanijja attrici pprezentat appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell minn din id-decizjoni;*

*6. Sussegwentement, l-intimata ddecidiet illi taccerta l-offerta tal-kumpanijja esponenti bhala l-iktar offerta vantaggjuza. Illi wara din id-decizjoni, il-kumpanijja attrici ppruvat tressaq oggezzjoni ohra quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-kuntratti Pubblici, liema oggezzjoni kienet bbazata fuq l-istess mertu li kien diga' gie trattat u deciz mill-istess Bord fil-kaz tal-ewwel oggezzjoni li kienet ibbazata fuq l-istess mertu, liema mertu qed jerga jitqajjem fil-mandat odjern, il-Bord gustament iddecieda illi ma setghax jipprocedi biex jisma l-oggezzjoni mressqa mis-socjeta' attrici u ddecieda wkoll illi peress li l-oggezzjoni mressqa kienet ta' natura frivola, id-depozitu mhallas mill-kumpaniijja attrici ma kellux jigi rimborsat lill-istess kumpanijja;*

*7. Illi l-kumpanijja esponenti ma tistax tittenta li tohloq rimedju iehor wara l-ezitu negattiv permezz tal-hrug tal-mandat odjern li l-unika skop tieghu huwa li jwaqqaf effetivament l-iffirmar tal-kuntratt ghal zmien indefinit sakemm l-Onorabbli Qorti tal-Appell taghti d-decizjoni taghha. Dan ir-rimedju mhuwiex ravvizat fil-ligi. Illi r-rimedji li ghandha ghad-disposizzjoni taghha s-socjeta' attrici huma sanciti mill-istess legislazzjoni sussidjarja u fil-fatt ex admissis qedgha taghmel uzu minnhom. Illi fl-eventwalita li Onorabbli Qorti tal-Appell tiddeciedi favur is-socjeta' attrici allura din ikollha r-rimedju tad-danni kontra l-Awtorita' kkoncernati;*

*8. Illi in oltre u specifikament, l-Legislazzjoni Sussidjarja 174.04 li tirregola l-materja in kwistjoni tipprovdi f'regolament 85 (5) illi riferiment lill-Qorti tal-Appell minn decizjoni li tkun ittiehdet mill-Bord m'ghandux izomm lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap ta' awtorita' kontraenti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord ta' Revizjoni. Illi kieku dan ma kienx il-kaz, jinholoq pregudizzju kbir ghall-oghti ta' kuntratti pubblici peress illi l-oghti ta' kull tender jista' jkun suggett ghall-process twil legali li jista' jiehu s-snin biex jigi konkluz;*

*9. Illi ghaldaqstant il-kumpannija attrici ma kellha ebda dritt illi twaqqaf il-process tal-iffirmar tal-kuntratt bejn l-intimata u bejnha.*

Rat in-nota tal-Agenzija intimata tat-28 ta' Novembru 2012 u Dok KB1 hemm anness;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-28 ta' Novembru 2012;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti tal-mandat;

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta' attrici fit-trattazzjoni taghha iddikjarat li *Computime Limited* kienet tefghet offerta f'Novembru 2011, ghal tender mahruga mill-*MITA* ghax-xiri u installazzjoni ta' *Wide Area Network* u servizzi relatati u li fil-4 ta' Mejju 2012 l-Bord ta' Evalwazzjoni ghazlet l-offerta ta' *Computime Limited* L-offerta minn *ICT Limited* giet imwarrba minkejja li kienet irhas minn dik ta' *Computime Limited* u dan ghar-raguni li *ICT Limited* ma kinietx issodisfat il-kriterji teknici tat-*tender*. *ICT Limited* appellat quddiem il-Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici, liema Bord irrintegra lill-*ICT Limited* fil-process tat-*tender*.

Gie rilevat illi is-socjeta' rikorrenti intavolat oggezzjoni ulterjuri quddiem il-Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici , talbet ghal rikuza tal-membri li kienu hadu l-ewwel d-decizjoni; izda din giet irrifjutata u l-istess membri tal–Bord ipprocedu ghad-decizjoni taghhom.

Is-socjeta' rikorrenti intavolat appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri ) appuntat ghas-smiegh 25 t'April 2013.

Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti kienet kostretta tintavola l-procedura ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Illi di piu il-Bord ta'

Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici wasal ghat-tieni decizjoni tieghu u ghalhekk ai termini ta' Artikolu 85(5) tal-L.N 296 tal-2010:

***"…Such recourse shall not however delay the Director of Contracts or the Head of a contracting authority from implementing the Review Board's final decision ."***

Is-socjeta' rikorrenti irriteniet, illi skond il-*Legal Notice* 296 tal-2010 u l-Gurisprudenza nostrali, il-principju bazilari fl'ghoti ta' *tenders* huwa il-principju ta' *equal treatment* bejn l-offerenti. Dan il- principju gie konfermat fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja (Case C-448/01) ***EVN AG,Wienstrom GmbH*** **vs** ***Republik Osterreich**, **and others*** :

***"It should be recalled that the principle of equal treatment of tenders which, as the Court has repeatedly held, underlies the directives on procedures for the award of public contracts… implies, first of all, that tenderers must be in a position of equality both when they formulate their tenders and when those tenders are being assessed by the contracting authority."***

Minn dan il-principju ta' *equal treament* bejn l-offerenti, johrog ukoll insenjament dwar il-process t' evalwazzjoni :

***"Objective and transparent evaluation of the various tenders depends on the contracting authority relying on the information and proof provided by the tenderers being able to verify effectively whether the tenders submitted by those tenderers meet the award criteria ." (Ibid)***
(Deciza fl-4 ta' Dicembru 2003)

In oltre fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja C- 599/10 deciza fid-29 ta' Marzu 2012, dik il-Qorti :

***"By its very nature, the restricted public procurement procedure means that, once the tenderers have been***

***selected and once their respective tenders have been submitted, in principle those tenders can no longer be amended either at the request of the contracting authority or at the request of the tenderers. The principle of equal treatment of tenderers and the obligation of transparency resulting therefrom preclude, in that procedure, any negotiation between the contracting authority and one or other of the tenderers."***

***"None the less, Article 2 of that directive (2004/18) does not preclude, in particular, the correction or amplification of details of a tender where appropriate, on an exceptional basis, particularly when it is clear that they require mere clarification, or to correct obvious material errors, provided that such amendment does not in reality lead to the submission of a new tender. Nor does that article preclude a provision of national legislation such as Article 42(2) of Law 25/2006, according to which, in essence the contracting authority may ask tenderers in writing to clarify their tender without, however, requesting or accepting any amendment to the tender."***

Ir-rikorrenti lmenta illi is-socjeta *ICT Limited* ma kienitx inkorporat il-*ether switch* fl-offerta originali ghat-*tender*, u li l-Bord t'Evalwazzjoni talbuhom kjarifika ghar-rigward ta' *requirment 12* u cioe' kemm–il darba il-mudell propost minnhom kienx jinkorpora din il-funzjoni li kellha tkun disponibbli b'mod immedjat. *ICT Limited* irrispondew fl-affermattiv. Is-socjeta' rikorrenti irriteniet li b'hekk, iz-zewg principji fuq referiti gew vjolati. Fi kliem iehor *ICT Limited*, kienet awtorizzata tbiddel l-offerta taghha mill-*Evaluation Committee*.

Illi di piu anki f'ezitu posittiv ta'sentenza mill-Qorti tal-Appell, in-nuqqas ta' hrug ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni ifisser li, l-kumitat kien ser jipprocedi billi jirregala t-*tender* lill-*ICT Limited*.

Minn naha l-ohra il-MITA irribaddiet illi dan it-tender kien intiz sabiex l-iskejjel kollha tal-Gvern jigu mghammra b'"*Wireless Area Network*" u kien intiz li dan in-*network* ikun installat u funzjonanti fil-bidu tas-sena skolastika 2012.

Illi meta offerent ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet t'Awtorita' Pubblika fil-hrug ta' *tender*, dak l-offerent ikollu dritt t'Appell quddiem il-*Public Contracts Review Board*. F'dan il-kaz hekk sar, kemm minn naha ta' *ICT Limited* u imbaghad minn *Computime Limited*. *Tender* ma tinghatax sakemm jigi deciz l-Appell mill-*Public Contracts Review Board*. Minn din id-decizjoni hemm dritt t'Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), rimedju illi irikorra ghalih ir-rikorrenti. Il-Ligi pero specifikament tistipula illi wara decizjoni tal- *Public Contracts Review Board*, il-procedura tas-sejha tal-offerti tipprocedi sal-finalita taghha, u dana kif jezigi Artikolu 85(5) tal-L.N 296 ta' 2010. **In fatt gie dikjarat waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri illi l-Bord kien sejjer jipprocedi bl-award finali tat-tender rilevanti.**

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:
**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;
u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd anke jekk *prima facie* biex jimmerita harsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta', disaġju jew tħassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Ghax is-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun irrimedjabbli – dan skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna.

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun waħda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi

qeghda timmira ghalih bi proceddiment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug ta' l- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.
Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu
jitressaq quddiemha, waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd.

Illi di piu meta si tratta ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra il-Gvern jew Awtorita' imwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna f'kariga ufficjali il-Qorti trid tqis **it-tielet element** jew rekwizit li jinqasam f'zewg aspetti u cioe':

a . **Konferma, waqt is-smiegh, li l-azzjoni lamentata fil-fatt hi mahsuba li ssir;**
b. **Il-proporzjonalita tal-pregudizzju kagunat**:

***"Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-Qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."*** (Vide Art. 873 (3) tal-Kap. 12)

Ikkonsidrat:

Fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li is-socjeta' *Computime Limited* ghandha d-dritt prima facie ai termini tal-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qieghed jinghad ghaliex is-socjeta' rikorrenti kienet il-***preferred bidder*** fit-tender originali, fl-ewwel evalawazzjoni. Huwa daqstant iehor evidenti il-pregudizzju tal-istess socjeta' "fil-process", li eventwalment qalbet l-ewwel decizjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni biex akkordat it-*tender* lil-*ICT Limited*.

Dak li trid tezamina din il-Qorti hu il-htiega o meno tal-hrug tal-Mandat ta'Inibizzjoni sabiex jitharsu l-jeddijiet li r-rikorrenti jippretendi li ghandu (Artikolu873(2)) u l-aspett ta' proporzjonalita ta' pregudizzju skond l-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Rekwizit taht l-Artikolu 873(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Fil-kaz in ezami, l-Qorti hija tal-fehma, li s-socjeta' rikorrenti ma ssodisfatx lil din il-Qorti li ser issofri hsara irrimedjabbli, bin-nuqqas ta' hrug tal-Mandat mitlub. Huwa evidenti illi l-hsara tista' tkun wahda finanzjarja pero jidher li r-rikorrenti diga intavola proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell u **ghandu disponibbli ghalih rimedji ulterjuri.**

Infatti:

***"...in-nuqqas lamentat jista' jitnehha mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fuq il-meritu..."***
(vide Ibid **Dr. Victor Borg Grech vs Gasan et.nomine**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.

Fuq l-insenjament tal-gurisprudenza fuq citata, il-Qorti hi tal fehma ghalhekk ma gewx sodisfatti r-rekwiziti taht l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjeta' rikorrenti pero tilmenta illi l-process tat-*tendering* kien ivvizjat mhux biss minhabba tal-ksur tal-principju ta' *equal treatment* bejn l-offerenti, izda ukoll minhabba in-nuqqas ta' rikuza tal-membri tal-Bord illi kienu hadu l-ewwel decizjoni meta wasslu biex jaghmlu revizjoni taghhom.

Dan iwassal il-Qorti ghal ezami approfondit tar-rekwiziti mahsuba taht l-Artikolu 873(3) tal-Kap 12.

**Rekwiziti taht l-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:**

**Huwa fatt inkontestat** illi l-*MITA* ser tipprocedi bl-*award* tat-*tender* lill-*ICT Limited* wara l-ahhar decizjoni tal-Bord tar-Revizjoni. Dan gie sottomess mill-Avukat difensur tal-*MITA* waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant jissussisti l-ewwel parti tar-rekwizit mahsub taht l-Artikolu 873(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tieni parti jew element indikat fl-Artikolu 873(3) tal-Kap. 12. tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-aspett ta' proporzjonalita' ta' pregudizzju tal-Gvern kemm il-darba id-dritt vantatt mis-socjeta' rikorrenti jigi titulat mill-Mandat ta' Inibizzjoni paragunat ma pregudizzju li jsofri r-rikorrenti fin-nuqqas ta' tali tutela.

Il-Pregudizzju pekunjarju tar-rikorrenti ma jibdiex biex jikkompara mal-pregudizzju li jinkorri il-Gvern, kemm –il darba ma jimplimentax l-installazzjoni tal-*Wireless Area Network* fl-iskejjel kollha tal-Gvern u dan aktar u aktar meta wiehed jipprova jqis il-pregudizzju inkalkolabbli tat-telf f'opportunitajiet ta' taghlim ghal-eluf ta' tfal tal-iskola.

Dan il-pregudizzju kbir ghal Gvern (u l-konsegwenti telf ta' opportunita ta' taghlim ghal ghadd kbir ta' tfal tal-iskola), jeghleb il-pregudizzju pezanti soffert mir-rikorrenti meta l-process tal-aggudikazzjoni innifsu huwa percepit bhala ivvizjat?

Hawnhekk tajjeb illi jsir accenn ghal dak illi gie ritenut fis-sentenza ***JF Security Consultancy* vs Dipartiment tal-**

**Kuntratti** deciza fit-**30 ta' Lulju 2012** mill-**Imhallef Joseph R. Micallef.**

**"...Imma kif inghad qabel, il-pregudizzju f'dan il-kaz mhux wiehed pekunjarju izda wiehed sostantiv li jolqot is-siwi tal-process ta' aggudikazzjoni fil-qalba tieghu..."**

Din il-Qorti, wara li gharblet il-materja fit-tul, qieset illi, ghalkemm intefghu diversi dellijiet fuq il-process t' aggudikazzjoni li hasbet mhux ftit lil din il-Qorti, is-socjeta' rikorrenti ghandha ghad-dispozizzjoni taghha diversi rimedji legali, uhud gja intavolati biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha.

Huwa biss il-pregudizzja inkalkolabbli tal-Gvern jew il-*MITA* minhabba l-konsegwenzi diretti fuq it-tfal tal-iskola ta' Malta kollha, **illi xaqilbet b'mod sproporzjonat** il-pregudizzju tal-Gvern f'kaz li l-Mandat ta' Inibizzjoni jintlaqa' u **dana minkejja il-pregudizzju sostanzjali tar-rikorrenti.**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Agenzija intimata.

Ghaldaqstant tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta'Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Agenzija intimata; thassar *contrario imperio* id-digriet taghha tad-15 ta'Novembru 2012, fejn kienet laqghet it-talba b'mod provvisorju.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------